MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2011

Numru. 1052/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR IAN ABDILLA**

**KONTRA**

**MARK GALEA ta' 45 sena, iben Francis Anthony u Tereza nee' Trapani, imwieled Tas-Sliema nhar id-09.03.1965, residenti fil-fond Gardenia, 76, Triq ta' Fuq il-Widien, Mellieha, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 153665M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **MARK GALEA** li gie akkuzat talli:

Nhar il-31 ta' Mejju, 2004 u fiz-zminijiet ta' qabel fil-Belt Valletta u f'postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, ghamel

falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, u cioe' dokument ta' registrazzjoni ta' 'Bidla tal-Konsumatur'.

Rat li fi stadju ta' interrogatorju fis-seduta ta' nhar it-18.10.2006 l-imputat wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji quddiem din il-Qorti, dwar liema l-imputat iddikkjara li ma kellux oggezzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-noti ezebiti.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi frankament ma hemm ebda ness bejn il-firma ta' l-imputat u dik li allegatament giet iffalsifikata – wiehed ghandu biss ihares lejn il-konkluzjoni ta' l-Espert Joseph Gaffiero, fil-fatt inkonklussiv ghall-ahhar.

Ghaldaqstant din il-Qorti, stante fil-fatt il-provi pjuttost fjakki prodotti, tqis illi l-akkuzi ma gewx pruvati, ghaldaqstant qieghda tillibera lill-imputat mill-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------